KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 380

It-Tnejn 25 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Dominic Grech (daħal fis-7.00pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**380.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**380.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 379. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**380.2.1** 379.2.10 Il-Viċi Sindku qalet li l-Bake Sale intlaqa' tajjeb ħafna, u mill-bejgħ ta' prodotti provduti ġentilment kemm mill-pubbliku kif ukoll minn diversi ħwienet, inġabret is-somma ta' 910 ewro b'risq Puttinu.

**380.2.2** 379.2.3 Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-Perit Cacopardo dwar is-suġġett, huwa propona lill-Kunsill li minflok jibgħat l-ittra ġenerika li tintbagħat preżentement, l-ittra ikollha imniżżla l-punti li l-Kunsill qed joġġezzjona għalihom.

**380.2.3** 379.3.4 Is-Sindku infurma li l-proġett tal-park miexi sew u fil-ġimgħat li ġejjin ser jiġu installati il-bandli.

**380.2.4** 379.3.5 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit insistiet li l-Avukat tal-Kunsill għandu jkun infurmat bl-azzjonijiet kollha li jittieħdu f'dan il-każ biex jiġi assikurat li l-interess tal-Kunsill jiġi salvagwardjat.

**380.2.5** 379.4.2 Is-Sindku qal li sfrondat biċċa minn Triq l-Imqabba fejn kien hemm il-bollards u qed tiġi rranġata minn Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit saqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill ikollu pjanta ta' kif inhu propost ix-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku informa illi kien talab il-pjanti tal-proġett fl-intier tiegħu, liema pjanti ma ingħatawx lill-kunsill sa dik id-data.

**380.2.6** 379.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li jingħataw iktar dettalji dwar l-attivita'. Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li kif issemma diġa fis-seduta preċedenti, ser ikun hemm peagent mit-tfal tal-iskola, stands tal-ikel fin-naħa t'isfel tal-Pjazza, stands b'bejgħ ta' affarijiet relatati mal-Milied fi Triq San Nikola, u presepju ħaj fil-ġenb tal-Knisja. Il-Kunsillier qal ukoll li ser jiżdied xi tiżjin tad-dwal fit-toroq u dan ser jitħalla hemm għal tul ix-xahar biex jitgawda mir-residenti. Is-Sindku talab li jingħata ktieb ppublikat mill-Kunsill lit-tfal li ser jieħdu sehem bħala ringrazzjament u jinxtara token lill-għalliema li qed tieħu ħsieb bħala apprezzament. Il-valur m'għandux jaqbeż il-50 ewro.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet biex jekk hemm lok ta' tqassim ta' fuljetti importanti li jkunu kkuntattjati l-għaqdiet kollha biex jgħidu jekk għandhomx interess iqassmu huma.

**380.2.7** 379.9.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li kienet intbagħtet in-nomina għal Nathan Borg, proposta minnha u ssekondata mis-Sindku u mill-Kunsillier Julian Borg.

Il-Kunsillier Dominic Grech daħal fis-7.00pm.

**380.2.8** 379.12.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li minkejja li l-Kunsill informa bil-periklu lil diversi awtoritajiet, xorta baqa' ma sar xejn u l-periklu għadu hemm.

**380.2.9** 379.2.4 Il-Kunsillier Julian Borg talab biex terġa tintbagħat reminder lil Transport Malta għall-ispustjar tal-*bus stop* fi Triq il-Mitħna.

**380.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**380.3.1** Is-Sindku qal li kienu daħlu żewġ kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Contracts Manager. Applikant minnhom m'għandux il-kwalifiċi mitluba u allura jiġi skwalifikat. L-offerta l-oħra għandha r-rekwiżiti meħtieġa u r-rata mitluba hija ta' 9.90 ewro eskluż il-VAT. Il-Kunsill unanimament qabel li tintagħżel din il-kwotazzjoni.

**380.3.2** Is-Sindku informa li r-Reġjun Nofinhar qed jitlob lill-Kunsilli tar-Reġjun biex jidentifikaw żoni biex jiġu maħduma u mħawla b'siġar indiġeni. Huwa talab lill-Kunsilliera biex jekk hemm xi siti fejn jistgħu jitħawlu xi siġar fiħom, jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

**380.3.3** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera bil-konferenza ECP Malta fuq proposti ta' fondi tal-UE fis-17 ta' Diċembru. Min hu interessat jattendi għandu jirreġistra jew jinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv.

**380.3.4** Is-Sindku talab lill-Kunsill jikkonferma lis-Sra. Maria Muscat bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva.

**380.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**380.4.1** Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi avvanz għaż-żebra crossing fi Triq Dun Manwel Zammit ħdejn il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier il-Perit Julian Borg marru fuq il-post biex jaraw fejn hu l-iktar post sigur biex issir. Filfatt hemm *humped speed bump* eżistenti li trid titneħħa u tersaq għax mhix qegħda fl-aħjar post. Is-Sindku kompla jgħid li qed tintalab il-parir ta' surveyor tat-traffiku biex isir dan. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fil-Kunsill preċedenti diġa kien sar survey u pjanti għal din it-triq. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għandha tiġi kkunsidrata l-problema ta' parkeġġ fiż-żona u anka l-pożizzjoni minħabba ħwienet u garaxxijiet.

**380.4.2** Il-Kunsillier Adrian Farrugia saqsa jekk kinetx saret l-applikazzjoni għal linji sofor fil-biċċa d-dejqa fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li TM proponiet li isir *yellow line* tul erbgħa karozzi. Fil-jiem li ġejjin, ser tintbagħat ittra lir-residenti tal-inħawi biex jiġu infurmati b'dan, u wara li ġiet ikkunsidrata l-problema kbira ta' parkeġġ, ser tinżeba linja safra għat-tul ta' żewġ vetturi. Jekk il-problema tibqa' ma tissolviex, titwal il-linja kif propost.

**380.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg saqsa dwar il-fanal dekorattiv fi Triq Ta' Brija li intlaqat minn trakk u tkisser. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għaddejjin bil-proċeduri mal-Pulizija biex min għamel il-ħsara jħallas u l-fanal jiġi rimpjazzat.

**380.5 Rikjesta minn TM għall-passaġġ temporanju tat-trakkijiet miċ-ċentru tas-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien imsejjaħ fil-bord ta' TM għad-diskussjoni dwar il-passaġġ temporanju tat-trakkijiet miċ-ċentru tas-Siġġiewi. Fil-laqgħa huwa talab bil-miktub x'qed jiġi rikjest u kemm hu ż-żmien 'temporanju' li għalih qed tintalab ir-rikjesta.

Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand is-Sur D. Vella minn TM. Wara diskussjoni il-Kunsill unanimament qabel li jiġu preżentati dawn il-punti lil TM:

1. Il-'Lorry Route Network' eżistenti tgħaddi minn Triq ta' Bur il-Kbir, Triq ta' Kilpa, Triq L-Imqabba u Triq Mons Mikiel Azzopardi. Trakkijiet mhux permess jidħlu fil-qalba tas-Siġġiewi sakemm mhumiex ikunu qegħdin joffru servizz fis-Siġġiewi.
2. Aktar traffiku ta' trakkijiet ġol-qalba tas-Siġġiewi, anke jekk temporanju, mhuwiex f'loku. Dan għaliex in-numru ta' trakkijiet li jivvjaggaw minn u lejn is-Siġġiewi ta' kuljum huma wieħed kbir u li dawn jgħaddu mill-qalba tas-Siġġiewi iżid il-periklu għal traffiku pedonali kif ukoll l-ammont ta' trabijiet li dawn jiġġeneraw.

3. Triq il-Girgenti, Triq Papa Pawlu VI u Triq Ramija fejn qed jiġi propost li jgħaddu trakkijiet huma dojoq u minnhom jgħaddi traffiku f'żewġ direzzjonijiet. Bil-karozzi tar-residenti pparkjati ma jkunx hemm lok għal żewġ karozzi minn fejn jgħaddu u allura f'dawn it-toroq wieħed isib traffiku wieqaf b'mod regolarli. Iż-żieda ta' dawn it-trakkijiet f'dawn it-toroq dojoq ser iżid mhux ftit il-problemi ta' konġestjoni fit-toroq imsemmija.
4. It-toroq residenzjali tas-Siġġiewi mhumiex mibnija sabiex jgħaddu dak in-numru ta' trakkijiet minn fuqhom u għalhekk konġestjoni ta' dawn it-trakkijiet ser jikkawża ħsarat lil dawn it-toroq.
5. It-talba għal passaġġ temporanju ma jinkludix 'time-frames' definiti u allura dan ma jserraħx moħħ ir-residenti Siġġiwin li dan mhux ser ikun għal żmien qasir.

Il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel li m'għandhiex tiġi offruta rotta alternattiva għal trakkijiet sabiex jgħaddu mill-qalba tas-Siġġiewi u allura jemmen li dawn it-trakkijiet għandhom jgħaddu minn rotot alternattivi li diġa huma approvati bħala 'Lorry Route Network'

**380.6** **PA08666/19 – site basement garage at 19 Triq l-Andar To sanction as built internal and external alterations at basement level including back yard and garage door opening, and proposed change of use of existing residential garage to public service garage for one vehicle (amendments to approved permit PA/1506/97)**

Is-Sindku issospenda l-laqgħa.

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa.

Is-Sindku preżenta ritratti tal-garaxx eżistenti preżentati lilu minn residenti tat-triq, fejn jidhru pparkjati fil-garaxx in kwistjoni numru ta' xarabanks. Il-Kunsill ikkunsidra li:

1. Illi din il-proposta tirrigwarda *inter alia "change of use of existing residential garage to public service garage for one vehicle";*
2. Illi l-applikant għandu diversi vetturi kbar fosthom 'buses' u l-post in kwistjoni huwa wieħed residenzjali;
3. Illi jiġi ribadit li din l-applikazzjoni tirrigwarda il-qalba tar-raħal tas-Siġġiewi;
4. Illi n-numru ta' spazji għall-ipparkjar diġa hu limitat ħafna u l-bdil tal-użu jista' jkun il-bidu biex eventwalment jitnaqqsu iktar spazji ta' parkeġġ;
5. Illi kieku din l-applikazzjoni tiġi milqugħa, dan ikun ta' preċedent ikrah u jwassal biex minn garaxx residenzjali jitbiddel għal 'public service garage' bil-problemi li jġib miegħu għal tal-madwar inkluż effett negattiv fuq il-postijiet ġa limitati tal-ipparkjar;
6. Illi preżentement fi Triq l-Andar hemm biss 4 postijiet għall-ipparkjar u tnejn minn dawn l-erbgħa jinsabu eżattament quddiem il-garaxx tal-applikant. Dan bla dubju jwassal għall-konġestjoni ta' traffiku fit-triq.
7. Illi jigi sottolineat li l-applikazzjoni qegħda f'parti tas-Siġġiewi trid titħares u teħtieg eżami bir-reqqa ta' kull żvilupp;
8. Illi mit-triq in kwistjoni diġa jgħaddu diversi trakkijiet fi triqithom għall-barrieri u din l-applikazzjoni se tkompli tkabbar il-problema tal-ipparkjar ġa eżistenti minħabba limitazzjonijiet fil-postijiet għall-ipparkjar. Kieku din l-applikazzjoni tintlaqa', din bla dubju twassal għall-konġestjoni ta' traffiku fit-triq;
9. Illi meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, wieħed jasal ghall-konklużjoni li m'għandux jingħata dan il-bdil ta' użu għal *'public*

*service garage'* fil-qalba tas-Siġġiewi;

10. Illi l-proposta kif suġġerita fl-applikazzjoni żgur li tista' taffetwa lil kulmin jgħaddi minn Triq l-Andar bil-vetturi u trakkijiet li ħafna jużaw tali triq kif ukoll lil min ikun għaddej bil-pass;
11. Illi fis-sena 2000 kienet ġa saret applikazzjoni għal tlett *'buses'* biex jiġu pprakjati fl-istess sit (PA05526/00) pero din l-applikazzjoni ġiet rifjutata wara anki l-oġġezzjonijiet tar-residenti;
12. Illi r-residenti tal-madwar ma jaqblux ma' din l-applikazzjoni għal bdil ta' użu.

Għalhekk, il-Kunsill unanimament qabel li jiġu sottomessi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz tal-Avukat tal-Kunsill lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**380.7** **Approvazzjoni tal-Quarterly Report (Lulju-Settembru 2019)**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-Quarterly Report għat-tielet kwart tas-sena, perjodu Lulju-Settembru u tat spjega tar-rapport. Is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit issekondat. Il-Kunsill unanimament approvah.

**380.8** **Mozzjoni – PA00358/19 Renewal of approval PA6450/06 – Social Housing Project**

**"Billi li fil leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill Lokali Siġġiewi appella mid-deċizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-proġett ta' Housing Soċjali fi Triq Dr. Nikola Zammit fis-Siġġiewi;**

**Ġaladarba l-ħsieb ta' proġetti soċjali bħal dawn kienu nbdew mill-gvernijiet preċedenti iżda qatt ma mmaterjalizzaw minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Pajjiż dak iż-żmien u dan is-sit dejjem kien immarkat għall-żvilupp ta' Housing Soċjali sa mill-2006, mingħajr ebda kontestazzjoni;**

**Billi dan il-proġett huwa meqjus fl-interess Nazzjonali u wieħed mill-proġetti ewlenin fl-istrateġija tal-Gvern għall-qasam tal-Housing bl-għan li jiżdied l-istokk ta' djar għal pajjiż u anke għal din il-lokalita';**

**Billi aħna nemmnu fil-prinċipju tal-ġustizzja soċjali u fl-impenn tal-Gvern sabiex il-ġid maħluq jinqasam b'mod ekwu u li dan hu proġett li jsostni dan il-prinċipju fundamentali tal-bniedem;**

**Billi li fil-lista ta' stennija għall-Housing Socjali hemm għexieren ta' familji Siġġiwin li qed jistennew allokazzjoni ta' appartament tal-Gvern biex ikunu mgħejjuna soċjalment;**

**Minħabba wkoll l-fatt li l-Gvern kien ċar fil-Manifest elettorali tiegħu u anke dak għall-lokalita' tas-Siġġiewi fl-aħħar żewġ elezzjonijiet ġenerali li se jkun kommess li jaħdem biex tinqata l-*waiting list* fi ħdan l-Awtorita' tad-Djar, wara li jkun sar proċess b'tant reqqa sabiex jintagħżlu dawk li huma eleġibbli;**

**Billi anke l-Oppożizzjoni wkoll iddikjarat il-pożizzjoni tagħha favur il-bini ta' aktar Housing Soċjali f'Pajjiżna sabiex tingħata għajnuna lil min huwa fil bżonn;**

**Peress li dan il-proġett huwa miexi ġmielu u se jkun parti integrali mill-komunita' tas-Siġġiewi u li dwaru saret konsultazzjoni wiesa' kemm mal-Kunsill Lokali Siġġiewi, mar-residenti tal-viċinazni ta' dan il-proġett, ir-residenti u l-familji Siġġiwin, kif ukoll l-istakehoders kollha nvoluti;**

**Qed nipproponu li jiġi mneħħi b'mod immedjat l-appell li kien sar mill-Kunsill preċedenti mmexxi mill-ex-Sindku Dr. Alessia Psaila Zammit fl-aħħar leġizlatura, quddiem il-Bord ta' l-appell fl-Awtorita tal-Ippjanar, filwaqt li naħdmu id f'id mal-Gvern Ċentrali sabiex il-lokalita' tas-Siġġiewi tibbenefika wkoll minn għajnuna u faċilitajiet komunitarji bħala parti mill-proġetti soċjali tal-Gvern għal din il-lokalita'."**

Mozzjoni proposta mis-Sindku. Issekondata mill-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia.

Is-Sindku qal li kien qed iressaq din l-mozzjoni li kienet diġa' tispjega fiha nfisha l-ħsieb li għalih qegħda tiġi proposta. Hu qal li jemmen li l-iżvilupp fis-sit fi Triq Nikol Zammit għandu jsir kif ppjanat mill-Gvern għaliex hu bbażżat fuq li nies fil-bżonn jingħataw housing soċjali. Is-Sindku qal li l-mozzjoni qed titressaq ukoll għaliex fuq kollox id-differenza bejn l-applikazzjoni originali u applikazzjonijiet sussegwenti kienet ta' żieda ta' erbgħa housing units.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li mhux minnu li l-appell huwa fuq erba' units ta' housing biss iżda fuq 80 unit residenzjali hekk kif l-appell li l-mozzjoni tirreferi għalih kien jitratta 'renewal' tal-iżvilupp kollu. Is-Sindku kkonferma li l-appell kien fuq renewal mhux erba' units biss.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li hekk kif kienu saru laqgħat mar-residenti biex sar l-appell u wara anke li l-Kunsill Lokali kien sema' t-tħassib tar-residenti għal raġunijiet li l-iżvilupp kien eċċessiv għad-daqs tas-sit, kien se joħloq sfidi ta' parkeġġ, immaniġġjar tat-traffiku, skart u oħrajn; hekk ukoll għandu jsir biex jiġi rtirat l-appell. Hi sostniet li r-residenti għandhom ikunu nfurmati li l-appell li kien qabel għalih Kunsill preċedenti ser jiġi irtirat u jisma' l-opinjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu kien qed isostni pożizzjoni li kien ħa fil-leġislatura preċedenti u li kienet li huwa favur il-proġett għaliex bħala Kunsillier jemmen li l-Gvern għandu jagħmel proġetti ta' housing soċjali. Hu qal li l-Gvern kien kkonsulta mal-Kunsill Lokali u r-residenti.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li dan ma kienx minnu, tant li fil-legislatura preċedenti s-Segretarju Parlamentari kien mistieden diversi drabi u qatt ma attenda l-laqgħat. Hi qalet li minflok ikkonsulta, Roderick Galdes għażel li jibqa' għaddej bl-iżvilupp bla konsultazzjoni.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li Roderick Galdes kien ltaqa' diversi drabi għal konsultazzjoni ma' Alessia Psaila Zammit bħala Sindku, mar-residenti u anke l-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit tenniet, li dak li qed jgħid fuqha Dominic Grech fuq meta kienet Sindku u fuq li ġara fil-Kunsill preċedenti mhux minnu, u talbet lill-kunsillier Dominic Grech ma jkomplix jgħid fatti li mhux veritjieri. Hi spjegat li l-unika laqgħa li kellha mas-Segretarju Parlamentari kienet talbitha hi meta kienet Sindku u l-laqgħa ma trattahiex bħala konsultazzjoni imma bħala laqgħa li fiha tenna li kien se jibqa' għaddej bil-proġett u li ma kellux għalfejn jiġi għall-laqgħat mar-residenti Siġġiwin.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-mozzjoni turi biċ-ċar li l-ewwel interess tal-Kunsilliera Kurstein Sant, Rodianne Haber, Dominic Grech u Adrian Farrugia kien li jaġevolaw lill-Gvern qabel r-residenti Siġġiwin u qabel l-ħarsien tas-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li s-Siġġiewi mhux eċċezzjoni f'Malta għal proġetti ta' housing u għalhekk huwa tajjeb li l-Kunsill Lokali jappoġġa dan l-iżvilupp mill-Gvern u jara kif ikun jista' jibbenefika minn proġett bħall dan. Francine Farrugia qalet li l-Kunsilliera li ppreżentaw din l-mozzjoni għandhom iktar għal qalbhom interessi partiġġjani u li jfaħħru lill-Gvern minflok li jiltaqgħu mar-residenti u jisimgħaw tħassib tagħhom fuq l-proġett. Hija qalet li l-Kunsilliera Lokali jiġu eletti għall-interess tar-residenti l-ewwel u qabel kollox.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu jaqbel li jsir dan l-proġett kif ukoll jemmen li jekk l-Gvern ikun se jagħmel proġetti oħra ta' housing soċjali hu ser ikun minn tal-ewwel li jitlob konsultazzjoni wiesa mar-residenti. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qaltlu li dan huwa żbilanċ għax kien qed jitratta residenti Siġġiwin b'mod differenti. Hi qaltlu li kien qed jagħmel stqarrija bbażata fuq nkonsistenza ta' ħsieb hekk kif ma jagħmilx sens li lir-residenti li se jintlaqtu minn dan l-iżvilupp jgħidilhom li jrid jirtira l-appell mingħajr konsultazzjoni magħhom imma jekk l-Gvern jipproponi proġetti f'xi żona oħra, jikkonsulta ma' dawk r-residenti milquta f'żona oħra. Il-Kunsillier Dominic Grech sostna li dik hija l-pożizzjoni tiegħu.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li mhux minnu li qatt ma saret kontestazzjoni mill-Kunsill Lokali u li l-mozzjoni kienet mimlija informazzjoni li mhix korretta, anzi li tiżgwida. Hu qal li l-Kunsill Lokali kien għamel oġġezzjoni sa mill-ewwel applikazzjoni li saret għall-proġett fl-2006 meta l-Kunsill Lokali kien mmexxi mis-Sindku Robert Musumeci. Kien hemm oġġezzjoni oħra fi 2 ta' Ġunju 2017, ittra mill-eks Sindku Karol Aquilina lill-Ministru responsabbli minn dan il-qasam u appelli mis-Sindku Alessia Psaila Zammit fl-aħħar leġislatura. Kien biss is-Sindku preżenti, li qed ipoġġi interessi tal-Gvern l-ewwel, tenna Julian Borg. Hu qal li l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali dejjem kienet li jitnaqqsu units ta' housing soċjali biex isiru aktar servizzi li huma bżonnjuzi bħal eżempju Dar tal-Anzjani kif kienu ssuġġerrew bosta residenti fil-laqgħat li għalihom kunsilliera tal-Partit Laburista dejjem kienu assenti. Hu kkonferma dak li qalet l-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit li s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes dejjem naqas milli jiddiskuti u jattendi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali u residenti.

Il-Kunsillier Julian Borg pproċeda biex iressaq dawn l-emendi għall-mozzjoni, ssekondati mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Francine Farrugia.

Emendi:
**Wara:**
"Billi li fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill Lokali Siġġiewi appella mid-deċizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-proġett ta' Housing Soċjali fi Triq Dr. Nikola Zammit fis-Siġġiewi,"

**jiżdied:**
**"wara li mijiet ta' residenti iffirmaw petizzjoni għal dan, saru laqgħat pubbliċi fuq l-materja u l-Kunsill Lokali wassal l-vuċi ta' diversi residenti fuq l-fatt li l-iżvilupp kien eċċessiv għas-sit u se jkollu effetti ta' mmaniġġjar ta' traffiku, sfidi ta' parkeġġ, ġenerazzjoni ta' ammonti sostanzjali ta' skart, fost sfidi oħra."**

**Jitneħħa dan il-paragrafu:**
"Ġaladarba l-ħsieb ta' proġetti soċjali bħal dawn kienu nbdew mill-gvernijiet preċedenti iżda qatt ma mmaterjalizzaw minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Pajjiż dak iż-żmien u dan is-sit dejjem kien immarkat għall-żvilupp ta' Housing Soċjali sa mill-2006, mingħajr ebda kontestazzjoni";

**Jiżdied minflok:**
**"Ġaladarba kull Sindku tas-Siġġiewi mill-2006 sa April 2019 oġġezzjona, appella jew kiteb lill-Ministru u awtoritajiet biex iwasslu l-vuċi tar-residenti."**

**Jitneħħa dan:**
Billi aħna nemmnu fil-prinċipju tal-ġustizzja soċjali u fl-impenn tal-Gvern sabiex il-ġid maħluq jinqasam b'mod ekwu u li dan hu proġett li jsostni dan il-prinċipju fundamentali tal-bniedem;

**Jiddaħħlu minflok**
**Billi r-residenti talbu diskussjoni mas-Segretarju Parlamentari, Roderick Galdes biex jifhem l-bzonnijiet kommunitarji tas-Siggiewi u jressqu l-proposta li ssir Dar tal-Anzjani, fost aktar faciitajiet komuntarji li jhossu li huma wkoll bzonjuzi.**
**Billi s-Segretarju Parlamentari dejjem ħarab milli jisma' jew jikkonsulta fuq dan l-progett mas-Siggiwin anzi ghazel li jinjora ghal kollox lill-kunsilliera u residenti Siggiwin li stednuh diversi drabi biex jigi fil-Kunsill Lokali u jiehu sehem fid-djalogu mal-pubbliku tas-Siggiewi.**

**Jitneħħa dan:**
Minħabba wkoll l-fatt li l-Gvern kien ċar fil-Manifest elettorali tiegħu u anke dak għall-lokalita' tas-Siġġiewi fl-aħħar żewġ elezzjonijiet ġenerali li se jkun kommess li jaħdem biex tinqata l-waiting list fi ħdan l-Awtorita' tad-Djar, wara li jkun sar proċess b'tant reqqa sabiex jintagħżlu dawk li huma eleġibbli;

**Jiżdied minflok:**
**Billi mkien fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali f' Mejju 2019, ma kien hemm mniżżel:**
**- li tmexxija b'maġġoranza Laburista se tirtira l-appelli marbuta ma' dan l-proġett u**
**- tinjora d-diversi residenti li talbu li f'isimhom il-Kunsill Lokali jressaq oġġezzjonijiet u appelli.**

**Billi xi wħud mill-kunsilliera inkluż is-Sindku Kurstein Sant qatt ma stqarrew, b'mod ċar u pubbliku li se jmorru kontra r-rieda u tħassib ta' diversi residenti fuq dan is-sit u qatt ma pparteċipaw fid-diskussjonijiet u laqgħat pubblici li kienu organiżżati dwar dan l-proġett, mar-residenti kollha tas-Siġġiewi**.

Vot fuq l-emendi:
Favur: il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia
Kontra: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ressqet żewġ emendi għall-mozzjoni oriġinali, issekondati mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg.

**Li Jitneħħa:**
"Billi dan il-proġett huwa meqjus fl-interess Nazzjonali u wieħed mill-proġetti ewlenin fl-istrateġija tal-Gvern għall-qasam tal-Housing bl-għan li jiżdied l-istokk ta' djar għal pajjiż u anke għal din il-lokalita';"

**U Jiżdied:**
**"Billi l-ewwel interess tas-Sindku u Kunsilliera huwa li jirrappreżentaw lir-residenti, ifittxu djalogu u soluzzjonijiet mar-residenti qabel kull interess ieħor li jaġevolaw lill-Gvern jew interessi partiġġjani."**

**Jitneħħa**
"Peress li dan il-proġett huwa miexi ġmielu u se jkun parti integrali mill-komunita' tas-Siġġiewi u li dwaru saret konsultazzjoni wiesa' kemm mal-Kunsill Lokali Siġġiewi, mar-residenti tal-viċinanzi ta' dan il-proġett, ir-residenti u l-familji Siġġiwin, kif ukoll l-istakehoders kollha nvoluti;"

**Jiżdied**
**"Billi is-Segretarju Parlamentari, Roderick Galdes naqas milli jattendi l-laqghat pubblici u konsultazzjonijiet li organizza l-Kunsill Lokali fil-legislatura li ghaddiet, kif naqsu wkoll li jattendu kunsilliera u kandidati tal-Partit Laburista, u għalhekk kien hemm nuqqas ta' konsultazzjoni mill-Gvern u rapprezentanti oħra, kemm mal-Kunsill Lokali u mar-residenti."**

Vot fuq l-emendi:
Favur: il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia
Kontra: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ressqet emenda għall-mozzjoni oriġinali, sekondati mill-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia.

**Emendi**
**Li jitneħħa:**
"Billi li fil-lista ta' stennija għall-Housing Socjali hemm għexieren ta' familji Siġġiwin li qed jistennew allokazzjoni ta' appartament tal-Gvern biex ikunu mgħejjuna soċjalment;"

**U jiżdied:**
**"Billi minn risposta għall-mistoqsija Parlamentari li rrisponda għaliha il-Ministru responsabbli stess kien qal li hemm 36 applikant mis-Siġġiewi għal housing soċjali u għalhekk li jistgħu jitnaqqsu n-numru ta' residenzi ta' social housing fis-sit biex jiżdiedu aktar faċilitajiet għall-komunita', inkluż aktar faċilitajiet għall-anzjani Siġġiwin.**

**Billi l-Gvern qatt ma ndika li dawn is-36 familja se jingħataw housing soċjali f'dan is-sit fis-Siġġiewi u mhux f'lokalitajiet oħra, u billi s-Sindku u l-ebda Kunsillier ma qatt ressaq dokumentazzjoni bil-miktub mill-Gvern li se tingħata prijorità lill-familji Siġġiwin f'dan is-sit.**

**Billi l-laqghat pubbliċi li saru dwar dan s-sit li fihom dejjem spikkat n-nuqqas t'attendenza tas-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes u Kunsilliera tal-Partit Laburista, diversi residenti esprimew l-bżonn li fih issir Dar tal-Anzjani u inqas residenzi ta' housing soċjali sabiex is-sit verament jintuża għall-bżonnijiet tal-komunità tas-Siġġiewi u s-Siġġiwin."**

Vot fuq l-emendi:
Favur: il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia
Kontra: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ressqet aktar emendi għall-mozzjoni oriġinali, sekondati mill-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia.

**Emenda**
"Billi anke l-Oppożizzjoni wkoll iddikjarat il-pożizzjoni tagħha favur il-bini ta' aktar Housing Soċjali f'Pajjiżna sabiex tingħata għajnuna lil min huwa fil bżonn"

Tiżdied ma' dan l-paragrafu:
**"iżda kienet stqarret ukoll b'mod ċar fit-18 ta' Diċembru 2017 fil-Parlament li proġetti ta' social housing għandhom jikkunsidraw sfidi u tħassib tar-residenti u jsiru b'konsultazzjoni xierqa mal-Kunsilli Lokali u residenti, bħal ma kellu jsir fis-Siġġiewi."**

**Titneħħa:**
"Peress li dan il-proġett huwa miexi ġmielu u se jkun parti integrali mill-komunita' tas-Siġġiewi u li dwaru saret konsultazzjoni wiesa' kemm mal-Kunsill Lokali Siġġiewi, mar-residenti tal-viċinanzi ta' dan il-proġett, ir-residenti u l-familji Siġġiwin, kif ukoll l-istakehoders kollha nvoluti;"

**Tiżdied:**
**"Billi xi mezzi tal-media rrapurtaw f'Lulju li għadda li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi taħt tmexxija tas-Sindku Kurstein Sant mistenni jirtira l-appell fuq dan is-sit, li jfisser li Kunsilliera li ressqu din l-mozzjoni tkellmu mal-media qabel ħassew l-bżonn li jitkellmu mar-residenti li fid-dover jirrappreżentaw qabel kull interess ieħor. Dan hekk kif sa issa ma giet organizzata l-ebda laqgħa mar-residenti mis-Sindku Kurstein Sant biex jekk ma għandu xejn minn xiex jiddejjaq u huwa kunfidenti b'din id-deċiżjoni; jispjega lir-residenti flimkien mal-kunsilliera li qed iressqu din l-mozzjoni, ir-raġunijiet għaliex iridu jirtiraw l-appell u jtellfu kull opportunità legali li l-Kunsill Lokali jista' jkollu biex iwassal l-vuċi tar-residenti; minflok iħallu lill-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu fuq din l-materja."**

**Titneħħa:**
"Qed nipproponu li jiġi mneħħi b'mod immedjat l-appell li kien sar mill-Kunsill preċedenti mmexxi mill-ex-Sindku Dr. Alessia Psaila Zammit fl-aħħar leġizlatura, quddiem il-Bord ta' l-appell fl-Awtorita tal-Ippjanar, filwaqt li naħdmu id f'id mal-Gvern Ċentrali sabiex il-lokalita' tas-Siġġiewi tibbenefika wkoll minn għajnuna u faċilitajiet komunitarji bħala parti mill-proġetti soċjali tal-Gvern għal din il-lokalita'."

**Tiżdied:**
**Għandha primarjament tiġi organizzata laqgħa pubblika mar-residenti kollha tas-Siġġiewi biex:**

**- is-Sindku u Kunsilliera jikkonfermaw li m'għandhom xejn xi jdejjaqhom milli jiddiskutu mal-pubbliku tas-Siġġiewi deċizjonijiet marbuta ma' dan l-proġett u kif waslu għalihom.**
**-Jispjegaw ukoll ir-raġunijiet jew interessi li jista' jkollhom biex jirtiraw l-appell.**
**-Jisimgħu minflok jinjoraw lir-residenti Siġġiwin li fid-dover jirrappreżentawhom qabel kull interess partiġġjan ieħor.**
-**Jistiednu lis-Segretarju Parlamentari, Roderick Galdes ineħħi l-biża' li dejjem kellu li jiddiskuti mal-pubbliku tas-Siġġiewi l-iżvilupp f'dan is-sit u jwettaq doveri li għandu li jisma' tħassib kif ukoll proposti tal-pubbliku tas-Siġġiewi fuq dan is-sit."**

Vot fuq l-emenda:
Favur: il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia
Kontra: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Dominic Grech u Adrian Farrugia

Il-Kunsilliera pproċedew għall-vot fuq l-mozzjoni oriġinali.
Voti Favur: Is-Sindku, Viċi Sindku, Dominic Grech u Adrian Farrugia
Voti Kontra: Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia.

Il-mozzjoni oriġinali ġiet approvata b'4 voti favur u 3 kontra.

**380.9 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillupp fis-Siġġiewi.

Ma ssemmew l-ebda materji konnessi.

**380.10 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

Ma tqajjem l-ebda punt fuq il-korrispondenza.

**380.11 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**380.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**380.13 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**380.13.1** Is-Sindku qal li hemm żewġ tabelli ta' no entry fi Triq Santa Margerita, eżatt fejn l-istatwa tal-Madonna iċċaraw u hemm bżonn jinbidlu.

**380.13.2** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li fil-biċċa d-dejqa ta' Triq Sta. Margerita jinħtieġ jitneħħa l-parkeġġ minħabba d-djuq tat-triq, peress li il-karozzi tal-linja u vetturi kbar jgħafsu mal-faċċati tar-residenzi u qed ikunu kemm ta' periklu u anka jgħamlu ħsarat fil-faċċata.

**380.13.3** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li r-residenti ta' Triq l-Għid u Triq il-Wied qed jitlobu li jsiru l-*parking bays* ħalli jigwidaw fejn għandu jsir parkeġġ u fejn le.

**380.13.4** Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-mera ħdejn il-barriera ta' triq il-Qrendi inkisret u hemm bżonn tinbidel għax hija bżonnjuża ħafna.

**380.13.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li t-triq ta' Għar Lapsi u t-Triq l-Imqabba jinsabu mingħajr dawl.

**380.14 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 21 ta' Diċembru 2019

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein N. Sant | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |